**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 t'Ottubru, 2023**

Rikors Ġuramentat Numru: 295/2021 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B C D**
**Vs**
**L-Avukat Dr. Christopher Chircop, u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bħala kuraturi deputati nominati permezz tad-digriet datat id-29 ta' Ottubru 2021, sabiex jirrappreżentaw l-assenti E M. F**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-esponenti u l-intimat huma ta' nazzjonalita` Libjana u huma miżżewġin hekk kif inhu kkonfermat permezz taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';*

2. *Illi miż-żwieġ tagħhom l-esponenti u l-intimat kellhom tlett itfal ossia,* ***G E M. F*** *li twieled fl-24 ta' Ġunju 2007 ġewwa Tripoli Libja;* ***H E M. F*** *li twieldet fit-12 ta' Diċembru 2011 ġewwa Tripoli l-Libja u* ***I E M. F*** *illi twieled fit-12 ta' Frar 2013 ġewwa Tripoli l-Libja u dan hekk kif jinsab muri*

[1] Fol 1 sa 2

*permezz taċ-ċertifikat tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. B', 'Dok. C' u 'Dok. D' rispettivament;*

3. *Illi f'minħabba l-gwerra u l-instabbilta` ġewwa l-Libja, l-esponenti fit-3 ta' Ottubru 2015 kienet ġiet Malta flimkien mat-tlett ulieda minuri. Illi l-esponenti hekk kif waslet hawn Malta applikat u ingħatat status ta' protezzjoni sussidjarja u dan kif hemm ikkonfermat fuq il-karta tal-Identita` tagħha hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. E';*

4. *Illi l-minuri kisbu ukoll status ta' Protezzjoni Sussidjarja hawn Malta;*

5. *Illi minn qabel mal-esponenti ġiet Malta, hi ġa kienet qed tgħix separata de facto minn mal-intimat. Illi t-tlett minuri dejjem kienu u baqgħu jgħixu magħha u l-intimat ma kien qed jeżerċita ebda aċċess versu l-minuri;*

6. *Illi l-esponenti dejjem ħadet ħsieb lil ulieda u ma ħalliethom nieqsa minn xejn. Illi l-esponenti ma għandiex diffikulta` illi tkompli trabbi lill-ulieda minuri weħidha hawn Malta u li tieħu r-responsabbilta` tagħhom kollha hi u dan kif fil-fatt ilha tagħmel għal diversi snin;*

7. *Illi l-intimat baqa' jgħix ġewwa l-Libja u l-esponenti ma tafx fejn jinsab peress illi tilfet kull komunikazzjoni miegħu;*

8. *Illi l-esponenti tixtieq tirregola l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-minuri speċjalment għal dak li jikkonċerna l-kura u l-kustodja tagħhom;*

9. *Illi l-esponenti ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni skond il-liġi sabiex tressaq l-istanza odjerna u dan permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 2 ta' Novembru 2021, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok.F';*

***Jgħid għaldaqstant l-intimat għar-raġunijiet premessi u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja**:*

1. *Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri G E M. F, H E M. F u I E M. F esklussivament f'idejn ir-rikorrenti u tordna illi l-indirizz residenzjali tal-minuri jkun dak tar-rikorrenti;*

2. *Tordna u tikkundanna lil intimat iħallas manteniment mensili adegwat lir-rikorrenti għat-tlett uliedhom minuri;*

3. *Tordna illi r-rikorrenti għandha tirċievi kull benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-childrens allowance;*

4. *Tiffssa u tistipula l-modalita tal-aċċess tal-intimat għall-minuri;*

   *Bl-Ispejjeż kollha kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attriċi[2];

Rat id-digriet tat-2 ta' Novembru 2021[3], fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi bl-azzjoni *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi.[4]

Rat id-dokumenti Dok A sa Dok G[5] li huma fotokopji ta' ċertifikat taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u ċ-ċertifikati tat-twelid tat-tlett minuri maħruġin mill-Ambaxxata Libjana ġewwa Malta, kif ukoll fotokopja tal-karta tal-identita tal-attriċi, u d-Digrieti tal-20 ta' Lulju, 2021 u tad- 29 ta' Ottubru, 2021 fejn ġew nominati l-kuraturi deputati;

Rat in-nota tal-attriċi tal-11 ta' Jannar, 2022 li permezz tagħha esebiet l-affidavit tagħha.[6]

Rat ir-Risposta Ġuramentata[7] tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi hija l-attriċi li għandha l-piż tal-prova u cjoe illi trid tkun l-attriċi li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinċi lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attriċi qiegħda tagħmel fil-konfront tal-intimat assenti huma fondati.*

2. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ u għaldaqstant qegħdin jirriżervaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-każ.*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

   *Bl-Ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni.*

---

[2] Fol 3 u 4

[4] Fol 12
[5] Fol 5 sa 18
[6] Fol 22
[7] Fol 25

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut[8];

Rat ir-rikors tal-attriċi tas-27 ta' April 2022[9] li permezz tiegħu talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza l-ħruġ tal-karta tal-identita` u passaporti relattivi tal-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier għar-raġunijiet mogħtija fl-istess rikors;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati[10] fejn wieġbu li ma ngħataw l-ebda indirizz li permezz tiegħu jista' jsir kuntatt mal-konvenut assenti;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju, 2022[11], fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi *ai termini* ta' dak mitlub minnha fir-rikors tas-27 ta' April, 2022

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda imressqa li ġew kollha miżmuma u mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien[12]

Rat l-affidavit tal-attriċi[13];

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[14]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kuraturi deputati;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Il-Qorti għandha quddiemha kawża, fejn l-attriċi, għalkemm miżżewġa mal-konvenut illimitat it-talbiet tagħha fuq kwistjonijiet relatati tal-minuri.

[8] Fol 26
[9] Fol 29
[10] Fol 36
[11] Fol 38
[12] Fol 40 fejn ġiet maħtura Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju fl-udjenza tas-26 t'April, 2022
[13] Fol 23
[14] Fol 62

B'hekk qed titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tat-tlett minuri: u ċioe ta' G E M. F li twieled fl-24 ta' Ġunju, 2007; H E M. F li twieldet fit-12 ta' Diċembru, 2011 u I E M. F li twieled fit-12 ta' Frar, 2013. It-tlett minuri twieldu l-Libja. In oltre` l-attriċi qegħda titlob sabiex il-konvenut jiġi ordnat iħallasha retta alimentari għat-tlett ulied minuri u sabiex tiġi awtorizzata li tirċievi kull benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri inkluż *childrens allowance*.

Jiġi sottolineat illi kull referenza għall-konvenut f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenut assenti u mhux għall-kuraturi li debitament jirrażppreżentawh fl-assenza tiegħu.

Minn naħa l-oħra, il-konvenut li huwa assenti minn Malta qiegħed jiġi rappreżentat minn kuraturi deputati, li minn naħa tagħhom iddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk irriservaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri meta jkunu jafu iktar fatti. Għalkemm il-kuraturi deputati ttentaw jikkomunikaw mal-konvenut fuq in-numru tal-mowbajl tiegħu li ngħata lilhom mill-attriċi, dawn ma kellhomx suċċess.

Għaldaqstant il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenut.

**Il-Provi Mressqa:**

**Verżjoni Attriċi**

l-Attriċi xehdet fil-qosor permezz ta' Affidavit[15] fejn spjegat li żżewġet lill-konvenut fis-sena 2005 u miż-żwieġ tagħhom kellhom tlett itfal – G, H, u I aħwa E M.F, lkoll minorenni.

Spjegat li l-partijiet ilhom separati *de facto* mis-sena 2013 u li fis-sena 2015 hi telqet mill-Libja bit-tlett itfal minħabba l-instabbilita` fil-pajjiż. Ġiet Malta flimkien ma' uliedha fejn lkoll ingħataw status ta' protezzjoni sussidjarja.

Skont l-attriċi hi dejjem ħadet ħsieb it-tfal waħedha *"kemm finanzjarjament u anki moralment mingħajr ebda għajnuna mingħand ir-raġel"*[16]

Skontha, l-aħħar darba li kellha kuntatt mal-konvenut kien fis-sena 2015 fejn kien taha awtorizzazzjoni sabiex tirreġistra lit-tfal l-iskola, u wara dan, tilfet

[15] Fol 23. L-istess Affidavit ġie ppreżentat mill-attriċi waqt is-seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis- 6 t'Ottubru, 2022 u jinsab a fol 55 mmarkat bħala Dok RB1

[16] Fol 23

kull kuntatt u tiddikjara taħt ġurament li, "*ma nafx fejn joqgħod u anqas biss għadux ħaj jew għadux jgħix il-Libja.*"[17]

Tispjega kif qed issib ħafna diffikultajiet minn kull entita` f'Malta li jitolbuha tippreżenta digriet ta' kura u kustodja tal-minuri, biex tkun f'posizzjoni li taġixxi waħedha. Tispjega wkoll li l-iżgħar wild, I, għandu kundizzjoni medika u jkollha tieħdu l-isptar kull sitt ġimgħat għat-trattamenti. Dan jinsab konfermat mix-xhieda li ressqet l-attriċi u anki mid-dokumenti esebiti minnha. F'dan is-sens isir referenza għax-xhieda ta' Rebecca Bajada in rappreżentanza tal-FSWS[18] fejn qalet:

"*A kienet infurmatna wkoll li kellha problemi ta' saħħa fiżika hi stess u kif ukoll I li għandu wkoll problemi ta' saħħa fiżika u jagħmel użu ta' Stoma bag ukoll.*"[19]

L-attriċi ssostni li mhuwiex possibbli li tintraċċa lill-konvenut u lanqas il-familja tiegħu, u f'dan is-sens tħoss li għandha tiġi fdata formalment u esklussivament bil-kura u l-kustodja tat-tfal tagħha, u dan għaliex effettivament għal dawn l-aħħar sitt snin dejjem ħadet ħsiebhom waħedha.

Il-Qorti ser telenka x-xhieda u d-dokumenti li ressqet l-attriċi sabiex tikkorrobora l-verżjoni tagħha:

- Rebecca Bajada in rappreżentanza tal-FSWS;
- Dok RP 1- Ċertiifikat mediku[20] maħruġ mit-tabib G Grech registration 4132, datat 03.03.2022 li jikkonferma li hija l-attriċi li takkompanja lil binha I E F għall-appuntamenti mediċi tiegħu. Hemm referenza wkoll li l-minuri ġie diagnosed bil-kundizzjoni tiegħu fit-2015;
- Dok RP2[21]- ċertifkat mediku ieħor tal-Konsulent Simon Camilleri – din id-darba fuq il-minuri I u G – rigward *orthodonic treatments* taż-żewġ minuri. F'dan iċ-ċertifikat il-konsulent jgħid li hija l-omm li takkompanja lill-minuri konċernati u li jippreżentaw ruħhom għall-appuntamenti fi stat tajjeb.
- Dok RP3- ċertifikat ieħor tat-tabib Dr Michael Gonzi datat 03/02/2022, b'konferma li l-omm tieħu ħsieb it-tlett itfal tagħha u li ilha tattendi l-klinika tat-tabib Gonzi għal dawn l-aħħar seba' (7) snin;
- Dok RP4[22] - żewġ ittri datati 22.02.2022 maħruġin mill-iskola Maria Regina College St Paul's Bay P Primary, b'konferma li:

[17] Fol 23
[18] Fol 41 sa 42
[19] Fol 42 seduta tat-13 ta' Lulju, 2022 quddiem l-assistent ġudizzjarju Dr Abigail Critien.

[21] Fol 44
[22] Fol 45

a) Il-minuri H F  ilha tattendi l-iskola in kwistjoni mill-25 ta' Novembru, 2015;
b) Il-minuri I F  ilu jattendi l-istess skola minn l-1 ta' Frar, 2016;
c) Ittra mill-iskola Maria Regina li tikkonferma illi G F attenda hemmhekk bejn 25 ta' Novembru 2015 u 28 ta' Ġunju, 2019, ittra oħra  mill-iskola Maria Regina College Mosta Secondary Zokrija datat 24.02.2022 li G F ilu jattendi l-iskola mis-27 ta' Settembru, 2021 u ittra oħra maħruġa minn Maria Regina Secondary School li l-minuri kien fil-*Middle School* bejn is-snin 2019/2020 u s-snin 2020/2021.

- Patrick Buhagiar in rappreżentanza ta' *Identity Malta* li xehed[23] li l-aġenzija in kwistjoni għamlet search fuq l-konvenut u dan fuq it-talba tal-attriċi , iżda ma rreżultalhom  l-ebda record tiegħu;

- Louis Buhagiar in rappreżentanza ta' JobsPlus li xehed[24] li fuq talba tal-attriċi ġie mitlub jippreżenta l-informazzjoni li għandha Jobsplus fuq uikl-konvebut, iżda ma rreżultalhom l-ebda record tiegħu;

Il-provi tal-konvenut assenti:

Xehdet l-attriċi u fuq domanda tal-Avukat Dr Christopher Chircop, wieġbet li  ħlief għan-numru tal-mowbajl li diġa għaddiet lil kuraturi deputati ma' kellha  l-edba informazzjoni iktar fuqu li setgħet tgħaddilhom.[25]

B'hekk il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tal-konvenut.

**Prinċipji Legali**

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti l-ġurisprudenza tagħna dejjem għallmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. Vs John Portelli**[26] intqal: "*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi anitka ... sew fil-liġi viġenti ... kif ukoll fil-ġurisprudenza estera ....u f'dik lokali ... hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess*

[23] Fol 52 seduta tas-6 t'Ottubru, 2022 quddiem l-assistent ġudizzjarju Dr Abigaill Critien
[24] Fol 57 seduta tad- 29 ta' Novembru, 2022 quddiem l-assistent ġudizzjarju Dr Abigail Critien
[25] Fol 59 seduta tas-6 ta' Diċembru, 2022 qudiem l-assistent ġudizzjarju Dr Abigai Critien
[26] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju, 2003, Ċit. Nru. 2668/1996/2 RCP

*tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament u sew meta jiġi biex jissepraw konsenswalment.*"

Fil-Kawża **Susan Ellen Lawless vs Il-Reverendo George Lawless**[27] il-Qorti kienet qalet illi: "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito deve essere commessa ed affidata a colui, fra i coniugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti per vantaggio di tali figli.*"

Ingħad ukoll fil-kawża **John Cutajar vs Amelia Cutajar et**[28] illi: *apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huma dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġurisprudenza appena ċitata, u ċioe` l-prinċipju tal-aktar utilita` u dawk tal-aktar vantaġġ għall-minuri, il-Qorti għandha l-fakolta` li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottoliena illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**[29] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[30] ġie ritneut illi l-Qorti "*filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġurisprudenza kostanti tagħna.*"

Fir-rigward ta' setgħa tal-ġenitur, il-Qorti tibda blli tiċċita Artikolu 90 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri fuq tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ:

[27] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivli fil-8 t' Diċembru 1858
[28] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 1956
[29] Deċiża fil-31 ta' Mejju, 2017 Rikors Ġuramentat 268/11 AL
[30] Deċiża fil-15 ta' Ġunju, 2017 Rikors Ġuramentat 218/13 AL

*(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, l-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittjiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali.*

Dan l-artikolu tal-liġi huwa indikattiv li l-Qorti f'każijiet fejn hemm involuti t-tfal għandha tara li l-ġid tagħhom jitħares, li l-interess suprem tal-minuri dejjem jipprevali fuq l-interess tal-kontendenti fil-kawża. Magħdud ma' dan, jingħad illi l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat '*Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri*.' Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131.(1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta` importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5)Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista` jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel.*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inkluživament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B tal-Kap 16 li jagħmel referenza għalih l-Atikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk:

*"3B.(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

Fir-rigward tal-manteniment il-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu uliedhom, u għalhekk t-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldqastant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż relatati mal-

istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispoizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uleidhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu, l-Artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jservi bħala mezz ta' gwida sabiex jassisti l-Qorti tasal għal konklużjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-Artikolu jaqra hekk:

*20.(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja disposizzjonijiet oħra u dan *ai termini* tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti*

*tista`, jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar persuna jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taħt l-eta` kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel",* il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Jannar, 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għal din is-sentenza:

"*Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħjar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet Helen Mary Strout f'isimha proprja kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs Av. Dr Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul Joseph Strout deċiża mill-Prim' Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'jirriżulta li l-attriċi minn mindu telaq żewġha iddedikat ruhha għat-trobbija ta' binha u terfa' weħidha, bl-għajnuna sussidjarja tal-ġenituri tagħha, il-piż ta' din it-tarbija. Huwa raġjonevoli għalhekk illi fuq l-awtorita` tal-ġurisprudenza stabbilita in materja (Vol.II p325; Vol.IV p74; Vol.VIII p 557 fost oħrajn) partikolarment b'rigward 'a ċio` che e piu`utile e vantaggioso all'interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tiegħu għandha tiġi affidata lill-omm.*"

Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet Sylvia Melfi vs Philip Vassallo irriteniet li:

***"In this case the court must do what is the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child...***

***.... The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child."***

Din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet RM vs NM (Rikors Ġur. 196/10RGM)[31]

"*In tema legali ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidħlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jagħti poter lill-Qorti tagħti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hijiex imxekla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvinzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Adirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara A sive BC vs D sive EC deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2015). (Ara wkoll Joseph Micallef vs Leysa Micallef deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 2018*)".

**Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:**

Illi din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri aħwa E M F, tfal tal-partijiet, u sabiex il-Qorti tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attriċi għall-bżonnijiet tal-istess minuri. L-Azzjoni tinkludi wkoll talba sabiex l-attriċi tipperċepixxi kull benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri kif ukoll talba sabiex il-Qorti tiffissa u tistipula l-modalita` tal-aċċess tal-konvenut għat-tfal tiegħu.

Mix-xhieda tal-attriċi jirriżulta li l-partijiet iżżewġu l-Libja u t-tlett itfal tagħhom twieldu hemmhekk ukoll u li l-partijiet kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 2013. Jirriżulta li l-attriċi flimkien ma' uliedha ilhom jgħixu hawn Malta mis-sena 2015 u dan wara li telqu mill-Libja minħabba l-instabilita` fil-pajjiz. Hawn Malta ngħataw status ta' protezzjoni sussidjarja. Mhuwiex kontestat li l-konvenut ma baqax f'kuntatt mal-attriċi mill-2015 u qatt ma wera interess fit-tfal tiegħu. Mill-provi li ressqet l-attriċi, l-awtoritajiet hawn Malta m'għandhom l-ebda tagħrif fuq il-konvenut. Mill-fatti li għandha quddiemha l-Qorti l-konvenut abbanduna għal kollox lit-tfal

[31] Deċiża fit-12 ta' April 2018

tiegħu u m'għandu l-ebda kuntatt mal-attriċi, tant li lanqas biss kien possibbli li jiġi rrintraċċat għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Mill-atti jirriżulta li l-konvenut ilu mill-2013 ma jieħux interess fit-trobbija tat-tfal tiegħu u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament għat-trobbija tagħhom.

Madanakollu l-Qorti tirrileva li, għalkemm ma semgħet ebda provi konkreti min-naħa tal-konvenut, jirriżulta bl-aktar mod ċar li għall-anqas miż-żmien meta l-attriċi telqet mill-Libja fit-2015 u ġiet hawn Malta, kienet l-attriċi li assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri u ħadet ħsieb dak kollu li kellhom bżonn. Dan kif jirriżulta ben ċar mix-xhieda prodotti mill-attriċi li jinkludu diversi professjonisti u tobba. Għalhekk jirriżulta ċar li hija l-attriċi li għandha l-interessi tal-minuri għal qalbha u li ilha tieħu ħsiebhom kemm ilha hawn Malta bil-ħila unika tagħha. In oltre` l-attriċi intavolat dawn il-proċeduri sabiex tassigura l-aħjar interessi tal-minuri, minħabba d-diffikultajiet li qed jkollha taffaċċja l-attriċi meta jkollha bżonn tieħu deċiżjonijiet li jirrigwardaw it-tfal u dan iktar u iktar meta l-iżgħar wild fost it-tlett minuri għandu kundizzjoni medika fejn l-attriċi jkollha bżonn tieħdu l-isptar kull sitt ġimgħat għat-trattamenti.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta li jkun fl-aħjar interess tal-minuri konċernati, li l-kura u l-kustodja tat-tlett minuri aħwa E M. F, għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jgħixu hawn Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Miriam Cauchi pro et noe vs Francis Cauchi**[32] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija 'tiskarta t-talba għall-kustodja konġunta għax, bħala sistema, mhux prattikabbli meta l-ġenituri ma jitkellmux bejniethom." Insibu dan l-insenjament f'sentenzi oħrajn fosthom: **Scott Schembri vs Dorianna Polidano**[33] **u Claire Booker vs Roger Mahlangu.**[34]

Ġjaladraba l-Qorti qiegħdha tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata f'idejn l-attriċi b'mod esklussiv allura dan neċessarjament ifisser li l-konvenut għandu jikkontribwixxi għall-għixien ta' uliedu billi jħallas manteniment għalihom favur l-attriċi. Dan qiegħed jingħad il-linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawżi **Portelli Jenifer pro et noe vs. Portelli**

[32] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1)
[33] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 30 ta' April, 2015 Rikors Nurmu 277/2012 RGM
[34] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) 7 ta' Diċembru 2017 Rikors Numru 183/2016 RGM

**John**[35] f'liema sentenza saret referenza għall-artikoli 3, 3B u 7 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdu:

Artikolu 3: " ***Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jman tnu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."***

3B: ***"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjoni ta' l-ulied."***

7: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodiċi."***

F'din is-sentenza suċċitata l-Qorti qalet:

*"Abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess...*

*... Kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet tal-istess minuri, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dimirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom skond il-bilanċ bejn il-*

[35] Deċiża nhar il-25 ta' Ġunju, 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru 2668/1996)

*bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-subartikolu ta' l-istess artikolu 20."*

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut.

Fid-dawl ta' nuqqas ta' provi fuq l-introju rispettiv tal-partijiet iżda b'referenza għall-provi esebiti mill-attriċi il-Qorti tagħmel referenza għall-artikoli 3, 3B u 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-applikazzjoni tal-istess tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma komplessiva għat-tlett ulied, ta' seba' mija u ħamsin Ewro (€750) kull xahar u ċioe mitjen u ħamsin (€250) Ewro kull xahar għal kull wild, liema ammont ta' manteniment ikopri is-sehem sħiħ tal-konvenut fuq l-ispejjeż kollha relatati mal-minuri, u ċioe anki sehemu għall-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat lill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' bank transfer.

Bl-applikazzjoni tal-Aritkolu 3B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-uliedu sakemm jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġiorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tlieta (23) u għoxrin sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruhha l-ewwel, u f'kaz li wara it-tmintax (18)-il sena it-tfal, jew min minnhom, ikunu marru jgħixu għal rashom meta jkunu għadhom qegħdin jistudjaw fuq bażi *full-time* kif hawn indikat, il-manteniment jitħallas direttament lilhom. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Childrens Allowance,* għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

Magħdud mal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi *ai termini* tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tagħti dawk l-ordnijiet ulterjuri u dan fl-aħjar interessi tal-minuri. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana**[36] fejn ġie ċċarat dan il-prinċipju:

[36] Deċiża mill-Qorti Ċivili ( Sezzjoni tal-Familja) 27 ta' Mejju, 2021 Rikors Ġur Numru 140/2019 AL

*"... s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, iżda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċiżjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'posizzjoni li jeżerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb."*

Fil-każ odjern u ġialadarba l-abbandun tal-konvenut versu tlett uliedu huwa ampjament ċar, il-Qorti tqis li ma jkunx fl-aħjar interess tal-minuri, li ommhom jkollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma tal-konvenut missierhom, bħal per eżempju f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u saħħa tat-tfal. B'hekk il-Qorti ser tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-artikolu 154 (1) (e) tal- Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana li l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakolta` li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tat-tlett minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

Għalhekk u għal dawn il-motivi l-Qorti mhijiex ser takkorda aċċess għall-konvenut li abbanduna għal kollox lit-tfal tiegħu minn mindu ġew hawn Malta fl-2015. Il-Qorti pero` ser tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u dan f'każ li fil-futur il-konvenut jerġa' jistabilixxi kuntatt mal-attriċi u juri interess li jibda jara lill-uliedu. B'dana pero` li tali kuntatt tal-konvenut mal-minuri jista' jsir biss bl-intervent tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u strettament taħt dawk iċ-ċirkostanzi li jirrakkomanda d-Direttorat għall-benefiċċju tal-minuri in kwistjoni, jew minn minnhom, u dan in vista ta' dak deċiż mill-Qorti rigward ir-raba` talba tal-attriċi.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u konsegwentement taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri G E M. F, H E M. F u I E M. F għandha tkun esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana li

l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) f'manteniment għal kull wild kull xahar, b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma komplessiva ta' seba mija u ħamsin Ewro (€750) fix-xahar. In oltre` il-manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' bank transfer. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas lill-attriċi manteniment għall-uliedu sakemm jagħlqu tmintax(18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jew min minnhom jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin sena (23) jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. In oltre` u f'każ li meta, jew wara, li t-tfal jagħlqu l-eta ta' tmintax (18)-il sena, u jkunu għadhom (jew min minnhom) jistudjaw fuq bażi *full-time* iżda jkunu qegħdin jgħixu għal rashom, f'dak il-każ il-konvenut jkun obbligat li jħallas il-manteniment direttament lit-tfal li qegħdin jistudjaw fuq bażi full-time u jgħixu għal rashom;

3. Tilqa' u tielet talba u tordna li kwalukwe beneffiċju soċjali in konnessjoni mal-minuri inkluż *childrens allowance* għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi;

4. Tipprovdi fuq ir-raba` talba fuq l-aċċess tal-intimat għall-minuri kif ġej:

   Tara li f'dan l-istadju m'għandu jkun hemm l-ebda aċċess in vista tal-fatt li l-konvenut ilu ma jkollu kuntatt mal-attriċi u mat-tfal mis-sena elfejn u ħmistax (2015), iżda jekk iċ-ċirkostanzi jinbiddlu u fil-futur il-konvenut jipprova jistabilixxi kuntatt mal-attriċi fuq it-tfal, f'dak l-istadju l-każ għandu jiġi riferut lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fejn il-professjonisti konċernati għandhom jitkellmu mal-minuri waħedhom u jaraw il-posizzjoni tagħhom rigward missierhom, u ċioe jekk huma jixtiequx jaraw lil missierhom jew le, u jekk iva taħt liema ċirkostanzi jixtiequ jarawh. B'dan pero` li l-professjonisti għandhom jaċċertaw ruħhom li tali rapport jista' jkun ta' beneficċju għall-minuri, u jekk dan ikun il-każ l-aċċess irid isir taħt is-superviżjoni ta' *social worker* skont il-frekwenza li jidrilhom xieraq fiċ-ċirkostanzi.

5. *Ai termini* tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi

Ċivili, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakolta` li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

Bl-Ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.